# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Illum, 22 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 41.**
**Citazz. Nru. 1716/00 JRM**

**Alfred u Anna konjugi CACCIATTOLO**

**vs**

**Konrad GATT, kif esercenti l-kummerc f'isem id-Ditta MOBILJA GATT**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni tat-18 t'Awissu, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi fis-sebgha (7) ta' Gunju 1999 l-attur ikkommissjona minghand il-konvenut il-kostruzzjoni ta' gabbana ta' l-injam fuq stil antik, liema appalt jirrizulta mill-annessa fattura esibita bhala "Dok. AC1";

Illi skond ma jirrizulta mill-istess fattura, tali appalt sar versu prezz ta' erbat elef u mitt lira maltin (LM4,100.00,0), minn liema somma thallas depositu akkont ta' elef lira maltin (Lm1,000.00,0) skond ma jirrizulta mill-istess dokument, u gie miftiehem illi x-xoghol kellu jkun lest u l- konsenja ssir sad-disgha (9) ta' Awissu 1999;

Illi kif jirrizulta minn "Dok. AC2" datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 1999, thallas depositu akkont ulterjuri ta' elf lira maltin (Lm1,000);

Illi l-konvenut accetta li jakkredita l-kont ta' l-attur bis-somma ta' tliet mitt lira maltin (Lm300.00,0) rappresentanti depositu li kien ghamel precedentement certu Brian Azzopardi, u dan bi qbil ma' l-istesss Brian Azzopardi;

Illi t-terminu miftiehem skada minghajr ma gie kkonsenjat ix-xoghol, u ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jesegwixxi l-appalt il-konvenut baqa' inadempjenti, u baqa' jwieghed ripetutament li ser jesegwixxi l-appalt minghajr ma zamm il-weghdiet tieghu;

Illi nhar it-tlieta (3) t'April 2000, permezz ta'skrittura esibita bhala "Dok AC3", il-partijiet ftehmu dwar terminu gdid, u cioe t-tletin (30) ta' April 2000,u stipulaw bejniethom penali billi l-konvenut obbliga ruhu li wara d-data msemmija, jekk il-gabbana ma tkunx giet ikkonsenjata f'idejn l-attur, huwa jhallas multa ta' hamsin lira maltin (Lm50,00,0) sakemm ix-xoghol ikun lest kollu u ghas-sodisfazzjon ta' l-attur;

Illi l-gabbana *de quo* hija necessarju ghall-kummerc ta' l-attur, u li ghalhekk tali penali kienet tirrappresenta prelikwidazzjoni tad-danni li setghu jigu kkawzati lill-atturi mid-dewmien tal-konvenut fl-esekuzzjoni ta' l-appalt lilu koncess;

Illi madanakollu l-konvenut baqa' ma esegwiex l-appalt sal-gurnata ta' l-intavolazzjoni tal-presenti talba, b'mod illi skada t-terminu, bdiet tiddekorri fil-konfront tieghu l-penali bonarjament miftiehma bejn il-partijiet, u baqghet hekk tiddekorri bir-rata ta' hamsin lira maltin (Lm50.00,0) kuljum sal-gurnata tat-terminazzjoni ta' l-appalt; u

Illi d-dewmien esagerat tal-konvenut fl-esekuzzjoni ta' l-appalt lilu koncess mill-attur tiggustifika t-terminazzjoni ta' l-istess appalt ai termini ta' l-artikolu 1640, Kap. 16 Ligijiet ta' Malta, liema terminazzjoni saret permezz ta' ittra ufficjali li giet pprezentata kontestwalment mal-presenti citazzjoni, kopja annesssa bhala "Dok AC4";

Illi ghaldaqstant il-penali bdiet tiddekorri bir-rata ta' hamsin lira maltin (Lm50.00,0) kuljum mill-ewwel (1) ta' Mejju 2000 u baqghet tiddekorri sa nhar it-tmintax (18) ta' Awissu 2000, ghal total ta' hamest elef u hames mitt lira maltin (Lm5,500.00,0);

Illi kwalunkwe spejjez inkorsi jew xoghlijiet esegwiti mill-konvenut ma huma ta' l-ebda utilita' ghall-atturi in vista ta' tali terminazzjoni;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-appalt kontrattat bejn il-partijiet gie terminat mill-atturi ghal raguni gusta u valida fil-ligi permezz ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-presenti citazzjoni;

2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghar-rifuzjoni tal-pagamenti maghmula akkont ta' l-appalt *de quo* u tikkundnna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u tliet mitt lira maltin, bl-imghax mid-data tal-prezentata ta'din ic-citazzjoni; u

3. Tiddikjara li bdiet tiddekorri fil-konfront tal-konvenut il-penali stipulata bonarjament bejn il-partijiet ta' hamsin lira maltin kuljum mill-ewwel ta' Mejju 2000 sal-gurnata tat-terminazzjoni ta' l-appalt *de quo*, u tikkundnna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hamest elef u hames mitt lira maltin jew kull somma ohra verjuri, bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni;

Bl-ispejjez legali, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kopja esibita bhala "Dok AC4", bl-imghax, bl-

ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri fil-ligi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-atturi, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet ta' din il-Qorti tal-31 t'Awissu, 2000, li bih appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-15 ta' Novembru, 2000;

Rat illi l-konvenut, notifikat kif imiss bl-atti tac-Citazzjoni u bl-Avviz tas-Smiegh fil-21 ta' Novembru, 2000 (pagna 16 tal-process), naqas li jressaq Nota tal-Eccezzjonijiet jew li mqar jidher quddiem din il-Qorti meta ssejhet il-kawza l-ewwel darba wara l-imsemmija notifika, u b'hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tal-atturi;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat tal-atturi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2001, u d-dikjarazzjoni tieghu li l-atturi ma kienx ghad fadlilhom provi ohrajn x'iressqu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tal-24 ta' Jannar, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi, mill-atti tal-kawza jirrisulta li l-attur kien qabbad lill-konvenut jibnilu gabbana tal-ispecifikazzjonijiet imsemmija fid-dokument AC1 (pagna 6 tal-process) liema xoghol kellu jitlesta sad-disgha (9) t'Awissu, 1999. Dan ix-xoghol kellu jiswa erbat elef u mitt lira maltin (Lm4,100), li minnhom l-attur hallas elf lira (Lm1,000) akkont dak inhar stess li saret l-ordni;

Jidher li, fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju, 1999, l-attur hallas elf lira (Lm1,000) ohra akkont [Dok AC2, f'pagna 7 tal-process], jigifieri qabel ma kienet waslet id-data originarjament miftehma ghall-konsenja;

Inghad ukoll li l-konvenut kien akkredita lill-attur b'somma ta' tliet mitt lira (Lm300) li kienet tirrappresenta depositu li l-konvenut kien ircieva ghal hatra ta' xoghol iehor minghand ir-ragel tat-tifla tal-attur, liema xoghol ma kienx twettaq, u ghalhekk id-depositu ntuza bhala parti mill-hlas tal-appalt moghti mill-attur;

Sad-data miftehma fil-bidu bejn il-partijiet, il-konvenut ma kienx ghadu lesta x-xoghol li kien imqabbad jaghmel u fit-tlieta (3) t'April, 2000, saret kitba [Dok AC3, f'pagna 8 tal-process] bejn il-partijiet li fiha giet miftehma data gdida ghat-tlestija u l-konsenja tal-gabbana, u kif ukoll penali ta' hamsin lira maltin (Lm50) kuljum dovuta lill-attur mill-konvenut ghad-dewmien fil-konsenja wara dik id-data;

Minkejja dan, il-konvenut ma wasalx, u l-atturi interpellaw lill-konvenut b'ittra ufficjali fit-tmintax (18) t'Awissu, 2000 [Dok AC4, pagni 9 sa 11 tal-process], li biha gharrfuh li kienu qeghdin itemmu l-appalt u talbuh iroddilhom lura l-flus li kienu hallsu akkont jew li kienu gew akkreditati lill-prezz tax-xoghol li kien imqabbad jaghmel, u kif ukoll li jersaq ghal-likwidzzjoni u l-hlas tal-penali dovuta sa dak inhar minhabba d-dewmien;

Ghal dan kollu, l-konvenut wiegeb bi skiet assolut u l-atturi bdew din il-kawza dak inhar stess li ressqu l-ittra ufficjali msemmija;

Irrisulta li l-ftit xoghol li l-konvenut kien ikkonsenja - xi pilasri tal-injam - ma swew lill-atturi ghalxejn u, fil-fatt, l-atturi kellhom jahtru lil haddiehor biex jaghmilhom il-gabbana li kellhom bzonn u dan ma seta' jaghmel l-ebda uzu minn dawk il-pilastri li kien lahaq ghamel il-konvenut;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-ligi tippreskrivi li min jaghti appalt lil haddiehor jista' jholl il-ftehim ukoll jekk ix-xoghol ikun inbeda [art. 1641 (1) tal-Kap 16]. Minbarra dan, jekk il-kuntratt jinhall ghal raguni tajba, min jaghti x-xoghol huwa obbligat ihallas lill-appaltatur biss il-prezz tal-materja li jkun intuza fix-xoghol li jkun lahaq gie konsenjat lil, u mizmum minn, min jaghti x-xoghol [art. 1640 (3)], liema prezz jithallas minn xi hlas akkont li l-appaltant ikun wettaq bil quddiem lill-appaltatur. Dan ghandu, min-naha tieghu, jrodd lura lil min

qabbdu jaghmel ix-xoghol dik il-parti mis-somma mhallsa bil-quddiem li tkun tisboq il-prezz u l-materjal uzat u moghti lill-appaltant [art. 1640 (4)];

Il-ligi tipprovdi wkoll li hekk kif, min jaghti x-xoghol, jgharraf lill-appaltatur li jrid itemm il-ftehim, dak l-avviz iservi biex iholl minnufih il-kuntratt, minghajr il-htiega tal-ebda awtorizzazzjoni jew konferma minn xi qorti [art. 1640 (5)];

Il-fatti juru li, f'dan il-kaz, il-konvenut ma kien lahaq wettaq prattikament xejn mill-appalt sa dak inhar li l-atturi interpellawh bl-ittra ufficjali li kienu temmew l-appalt, u minbarra f'hekk, irrisulta wkoll li l-pilastri li wahhal ma kienu tajbin ghal xejn. L-appalt kellu jinghata lil haddiehor u l-atturi kkonfermaw li dahlu fi spejjez minhabba f'hekk u garrbu danni minhabba li ma kellhomx minn fejn jesercitaw il-kummerc taghhom bin-nuqqas ta' konsenja tal-gabbana;

F'dan ir-rigward, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mil-Qorti tal-Appell fit-**23 ta' Jannar, 1995**, fil-kawza fl-ismijiet Carmel Gauci vs Maurice Grixti li fliet bir-reqqa l-qaghda legali applikabbli fil-kaz ta' appalt meqjus mhux imwettaq ghal kollox;

Il-Qorti rat l-artikoli 1118, 1120 (3), 1121 (2), 1127, 1130 (1) u 1133 tal-Kodici Civili;

Illi, fid-dawl tal-fatt li l-konvenut naqas li jersaq 'il quddiem u jichad jew ixejjen il-kaz talatturi, u wkoll fid-dawl tal-provi mressqa, din il-Qorti ssib li t-talbiet attrici huma misthoqqa;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenut;

**Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi** u tiddikjara li kellhom raguni tajba biex itemmu l-appalt moghti minnhom lill-konvenut minhabba n-nuqqas tal-istess konvenut milli jwettaq dak li kien imqabbad jaghmel;

**Tilqa' t-tieni talba tal-atturi** u tikkundanna lill-konvenut iroddilhom lura s-somma ta' elfejn u tlett mitt lira maltin

(Lm2,300) imhallsa lilu akkont in konsiderazzjoni tal-appalt moghti u mhux imwettaq minnu; u

**Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut** ihallas lill-atturi l-penali minhabba d-dewmien fit-twettieq tal-appalt, liema penali qeghda tigi likwidata fis-somma ta' hamest elef u hames mitt lira maltin (Lm5,500), li tghaddi mid-data li huwa kellu jwettaq il-konsenja sal-jum meta l-appalt gie mitmum;

L-ispejjez kollha, flimkien mal-imghaxijiet fuq l-imsemmija somom dekorribbli mit-18 t'Awissu, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv, jithallsu mill-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**22 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Frar, 2001.**